MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 941/2008

**Mary Rose Bonnici ID 424764(M)**

**vs**

**John Borg ID 689462(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l**-Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta’ Dicembru 2008, fejn intalab illi t-Tribunal jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf u erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€1024.92) bhala manteniment dovut lilha ghax-xhur ta’ Mejju, Gunju, Lulju u Awissu 2008, u dan kif stipulat skond l-att pubbliku ta’ separazzjoni konsenswali u personali tas-27 ta’ Gunju 2007 u wara li l-istess Qorti Kriminali (Qorti tal-Familja) tas-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru 2008 sabitu hati ta’ dan in-nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut pprezentata nhar il-11 ta' Marzu 2009 li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-klawzola 6(b) tal-kuntratt tas-separazzjoni personali ffirmat bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Camilleri datat is-27 ta' Dicembru 2007, jghid "*li l-obbligu tar-ragel li jhallas il-manteniment … ghal bzonn tat-tifel minuri, jigi terminat meta t-tifel jaghlaq tmintax-il sena, jew ikun sab residenza alternattiva, jew ikun izzewweg, liema wahda tavvera ruhha l-ewwel…*".

Illi fil-fatt it-tifel "*sab residenza alternattiva*" fix-xhur ta' Mejju, Gunju, Lulju u Awissu 2008 peress li t-tifel ma kellux bhala residenza principali tieghu dik ta' l-attrici, izda f'dawn ix-xhur huwa mar jghix ma' missieru, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni ta' dina l-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-**kontro-talba** ta' l-istess konvenut fejn talab illi John Borg ivversa l-ammont ta' seba' mija u tmienja u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€768.69) rapprezentanti manteniment tal-minuri ghax-xhur ta' Novembru, Dicembru 2008 u Jannar 2009, u dan meta ma kienx dovut jaghmel dan peress li r-residenza principali tal-minuri inbidlet minn dik ta' Mary Rose Bonnici ghal dik ta' John Borg.

Ghaldaqstant John Borg talab lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jordna lill-attrici in via rikonvenzjonali trodd lura lill-istess John Borg is-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€768.69) rapprezentanti manteniment tal-minuri ghax-xhur ta' Novembru, Dicembru 2008 u Jannar 2009 u dan stante li l-minuri ma kienx qed jirresjedi maghha f'dawk it-tlett xhur.

Illi ra **r-risposta ghall-kontro-talba** fejn l-attrici eccepiet illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-minuri Mark Borg mar joqghod mal-konvenut/attur fit-23 ta’ Dicembru 2008 u li l-esponenti u hija stess marret fi Frar 2009 toqghod mal-minuri. Ghalhekk hija dejjem baqghet tiehu hsieb lill-minuri.

Illi ghalhekk it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu michuda.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici **Mary Rose Bonnici** fejn ikkonfermat illi sal-gurnata tal-lum ma kienet thallset xejn mis-somma minnha riklamata fl-avviz, liema obbligu johrog mill-istess kuntratt tas-separazzjoni, kopja ta’ liema qeghdha tigi esebita bhala Dok RMB. Hi kkonfermat ukoll illi l-manteniment dovut lilha huwa ghat-tifel ai termini tal-artikolu 6 tal-kuntratt.

Illi l-istess xhud kkonfermat ukoll illi hi m’ghandha ebda digriet jew kuntratt mal-konvenut illi hi ghandha thallsu xi forma ta’ manteniment, u dan intqal peress illi t-tifel qed jghix ma’ l-istess konvenut. L-attrici ziedet tghid illi kienu bdew proceduri ta’ medjazzjoni mill-konvenut ghal dan il-ghan, liema medjazzjoni falliet, u esebiet document RMB 1 konsistenti f’kopja legali tad-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni.

Ra illi fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2009 il-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut – u li fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 2009, la dehru il-konvenut u lanqas id-difensur tieghu.

Ikkunsidra :

Illi din il-vertenza tikkoncerna allegat nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment mill-konvenut ghal perjodu ta’ erba` xhur, msemmija fl-Avviz. Il-pretensjoni tal-attrici hija dedotta mil-kuntratt ta’ separazzjoni illi hija ghandha mal-konvenut u li gie esebit.

Tali kuntratt jaghmel ligi bejn il-partijiet. Il-kuntratt hu car u jistipula l-hlas mitlub mill-attrici. Il-konvenut minn naha tieghu jargumenta u jecepixxi illi mhux obbligat ihallas

peress illi nbiddlu c-cirkostanzi tal-kuntratt ta' separazzjoni u t-tifel ma baqghax ighix ma' ommu l-attrici izda qed ighix mieghu. In vista` u a bazi ta' dan l-istess allegat fatt anke jressaq il-kontro-talba tieghu.

Dan it-Tribunal zgur u bla ebda dubbju illi mhux kompetenti illi jbiddel jew jvarja il-kundizzjonijiet ta' kuntratt ta' separazzjoni. U il-konvenut dan jafu ben tajjeb peress illi jirrizulta mill-atti illi inizjala anke proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja in vista` tal-fatt minnhu allegat. Il-gurisprudenza konsistenti u kostanti taghna dejjem irriteniet illi sakemm ikun hemm bdil awtorizzat f'kuntratt ta' separazzjoni – il-kuntratt u l-kundizzjonijiet hemmhekk miftehma jibqghu dejjem vigenti.

Di piu` irid jinghad illi ghalkemm il-kuntratt, partikolarment klawsola 6 tistipula illi l-manteniment ma jkunx rivedibbli hlief b'ordni tal-Qorti kompetenti jew ghar-ragunijiet elenkati fl-istess kuntratt. Huwa minnhu illi s-sub-inciz (b) tal-klawsola 6 tistipula illi l-manteniment jithallas, fost ohrajn, sakemm it-tifel ikun "*sab residenza alternattiva jew ikun izzewweg, liema wahda minn dawn tavvera ruha l-ewwel*". Imma jekk hemm disputa dwar jekk it-tifel sabx residenza alternattiva o meno – u partikolarment jekk ikunx hemm obbligu tal-mara attrici li tivversa manteniment hi jekk ir-ragel ikun qed jospita hu lit-tifel tal-kontendenti – zgur illi mhix materja ta' kompetenza u gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Fuq kollox it-Tribunal jinnota illi l-konvenut ma resaqx il-quddiem sabiex jipprova l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tieghu.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li sema` x-xhieda prodotti u ha konjizzjoni tal-atti kollha, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-talba attrici u jichad ukoll il-kontro-talba mressqa mill-konvenut, jilqa` t-talba attrici u l-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' elf u erba` u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu

(€1024.92), ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------